MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 132/1999/1

Ludovico Curmi u martu Catherine Curmi; Joseph Haber u martu Elizabeth Haber; u Carmelo Bugeja u martu Maria Bugeja

Vs

Emanuel Buttigieg u martu Catherine Buttigieg; Brian Magro u Joseph Cauchi u b'digriet moghti fit-28 ta' Frar 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Raymond Buttigieg f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefer Joseph; Michael, Karmenu, Guza mart Karmnu Magro, u Giovanna mart Joseph Xuereb ilkoll ahwa Buttigieg wara l-mewt tal-konvenut Emmauel Buttigieg.

Il-Qorti,

**Molestja Gravi – Hazna ta' cilindri tal-gass.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-3 ta’ Settembru 1999 li permezz taghha l-atturi ppremtew illi:

L-atturi Ludovico Curmi u martu Catherine Curmi, u Joseph Haber u martu Elizabeth Haber ghandhom id-djar ta’ residenza taghhom fi Triq Il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex, filwaqt li l-atturi Carmelo Bugeja u martu Maria Bugeja ghandhom fil-pussess taghhom raba’ agrikolu fl-istess inhawi maghrufa “Tal-Kanal”, limiti Xewkija;

Ricentement il-konvenuti bdew jaghmlu zvilupp f’ghalqa li tinsab fl-istess inhawi fuq imsemmija, tal-kejl ta’ madwar mitejn u tmenin metri kwadri (280m.k) u li tikkonfina minn nofsinhar ma’ Triq Il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, tramuntana ma’ beni fil-pussess ta’ Carmelo u Mary Anne Azzopardi, mill-majjistral mad-dar li hi residenza tal-atturi Ludovico u Catherine konjugi Curmi, u punent ma’ beni tal-eredi ta’ Salvu Haber, jew irjieh verjuri, billi bnew madwar l-ghalqa recint tal-gebel, bil-hsieb li fl-istess ghalqa jahznu c-cilindri tal-gas;

Peress illi r-recinti tal-ghalqa kienu ghadhom fil-fazi tal-kostruzzjoni meta l-konvenuti kienu bdew igibu trailers u trakkijiet kbar mimlija bic-cilindri tal-gas u fi kwantitajiet konsiderevoli u kummercjali u kienu jahznu l-istess cilindri mimlija bil-gass fl-istess ghalqa fuq imsemmija, u dan minghajr ma hadu ebda prekwazjonijiet biex jigi evitat il-perikolu u l-harsien tar-residenti u abitanti ohra li jghixu u li ghandhom id-djar u propjeta’ ohra fil-vicin;

Peress illi din il-hazna ta’ cilindri tal-gass fis-sit in kwistjoni mill-konvenuti, kienet qeghdha ssir minghajr ma l-konvenuti kellhom jew kien ghad ghandhom il-permess jew permessi li jaghmlu dan minghand l-awtoritajiet kompetenti;

Peress illi minkejja li l-atturi kienu ilmentaw mill-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti u sa kienu ressqa protest gudizzjarju quddiem din il-Qorti fil-20 ta’ Novembru 1999, kontra l-konvenuti, il-Korporazzjoni Enemalta, il-Kummisjoni tal-Pulizija, l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, u s-

Supretendent tas-Sahha Pubblika, baqghet ma ttiehdet ebda azzjoni effetiva biex il-konvenuti jigu mwaqqfa milli jibqghu igibu cilindri tal-gas u jahznuhom fil-ghalqa in kwistjoni;

Peress illi l-atturi meta ma raw ebda rizultat pozittiv, mbaghad kienu kostretti li jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti fl-ismijiet: **Ludovico Curmi et vs Emanuel Buttigieg et** [Mandat numru 12/99], sabiex fost hwejjeg ohra, il-konvenuti jigu mizmuma milli personalment jew permezz ta' haddiema imqabbda minnhom, jissoktaw milli jkomplu bil-magazzinagg u hazna ta' cilindri tal-gas jew sustanza esplosiva u flammabili ohra fis-sit fuq indikat, u dan minhabba li din il-hazna ta' cilindri fi kwantitajiet kbar kienet qed tkun ta' perikolu u ta' pregudizzju ghall-jeddijiet tal-atturi fuq kollox dwar il-helsien tal-persuni taghhom u tal-membri tal-familja u jirrisjedu maghhom, kif ukoll dwar il-protezzjoni tal-propretajiet rispettivi taghhom fl-inhawi qrib fejn kienu qeghdin jigu mahzuna dawn ic-cilindri tal-gas, liema mandat gie milqugh b'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Awissu 1999;

Peress illi l-atturi sa kienu kostretti wkoll li jirrikorru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn ghamlu *challenge* gie milqugh b'digriet tat-30 ta' Gunju 1999, u l-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat jiehu passi kontra l-konvenuti, liema proceduri kriminali gie ordnat li kellhom jigu istitwiti fi zmien xahar mill-hrug tad-digriet;

Illi l-hazna ta' cilindri tal-gass fil-ghalqa fuq imsemmija hija ta' periklu manifest u serju ghall-atturi kif fuq spjegat u tarreka lill-atturi molestja gravi u inkonvenjent sia lilhom u sia lill-familja taghhom li jirrisjedu maghhom fid-djar qrib is-sit in kwistjoni;

Talbu li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-hazna u l-magazinagg ta' cilindri tal-gas u ta' sustanzi esplosivi u flammabili ohra mill-konvenuti fis-sit fuq indikat huwa ta' periklu ghall-atturi u

jarreka lill-atturi molestja gravi u inkonvenjent, sia lilhom u sia lill-familja taghhom li jirrisjedu maghhom;

2. Tiddikjara wkoll illi l-hazna u l-magazinagg ta’ cilindri tal-gas u ta’ sustanzi esplosivi u flammabili ohra mill-konvenuti fis-sit fuq indikat jikkostitwixxi pregudizzju serju tal-jeddijiet tal-atturi dwar il-helsien tal-persuni taghhom u tal-membri tal-familja li jirrisjedu maghhom, kif ukoll dwar il-protezzjoni tal-propjetajiet rispettivi tal-atturi li jinsabu fl-inhawi qrib ta’ fejn kienu qed jigu mahzuna b’mod regolari u kontinwu kwantitajiet konsiderevoli ta’ cilindri tal-gass;

3. Konsegwentement tinibixxi lill-konvenuti mill jkomplu jahznu fis-sit fuq indikat cilindri tal-gass u ta’ sustanzi esplosivi u flammabili ohra;

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 12/99 u tal-protest gudizzjarju tal-20 ta’ Novembru 1998, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharrkin.

Rat in-nota ta’ eccizjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew bil-qima:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Emmanuel Buttigieg ma ghandu ebda interess fil-meritu ta’ din il-kawza billi la huwa l-propjetarju ta’ l-art imsemmija fic-citazzjoni u l-inqas ghandu xi interess fin-negozju tal-hazna u tqassim tal-gass.

2. Preliminarjament hemm in-nullita’ tac-citazzjoni minhabba kumulu ta’ citazzjonijiet. Difatti l-atturi qeghdin jagixxu dwar porzonjiet separati ta’ art minnhom ippossjedjuti separatament minghajr ma giet imharsa l-procedura stabbilita bl-artikolu 161 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi preliminarjament ukoll hemm in-nullita’ fit-talbiet attrici billi ma hux legalment possibli li wiehed jottjeni l-perpetwazzjoni ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Mandat kawtelatorju ghandu jigi segwit b’citazzjoni sabiex

tikkonferma l-jedd li minhabba fih htieglu jigi spedit dak il-mandat mhux biex jipperpetwa l-istess mandat.

4. Illi fil-mertu din ic-citazzjoni ghandha tigi michuda ghaliex hija bbazata fuq fatti u presuppozizzjonijiet li fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni l-atturi kienu jafu li ma kienux minnhom. Dan ghaliex il-konvenuti ghadhom permessi validi mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmlu l-izvilupp mehtieg u jibnu bitha u anki sabiex juzaw l-istess bitha ghal-maggazinagg ta' cilindri tal-gass. L-atturi qed jahbu wkoll il-fatt li issa l-bitha illum tinsab mibnija skond kif awtorizzat mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju din ic-citazzjoni ghandha tigi michuda billi l-hazna tal-gas fic-cirkostanzi u bil-modalitajiet kif kellhom jigu ppratikati mill-konvenuti, ma hu ta' ebda pregudizzju ghall-proprjetajiet ta' l-atturi jew ghall-atturi nfushom. L-uzu li jrid jaghmlu l-konvenuti jinkawadra ruhu fl-ambita tad-drittijiet ta' propjeta' taghhom dwar l-art mertu tal-kawza.

Rat l-atti kollha fosthom ir-rapporti li ghamel il-perit tekniku Professur Alfred Vella a fol. 127-137, fol. 153-159 u r-rapport li jinsab a fol. 158-165 fl-atti tal-kawza **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. nru:- 132/1999) li sar ukoll ghal finijiet ta' din il-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 12/1999 fl-ismijiet **Ludovico Curmi et vs Emmanuel Buttigieg et** degretat fl-24 ta' Awwissu 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 1999 (fol. 24) fejn jinghad li *"il-partijiet qablu li ghandhom jigu inseriti f'din il-kawza kopja tal-provi kollha migbura fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 12/99 fl-istess ismijiet, kif ukoll fil-mandat numru 21/99 fl-ismijiet Raymond Vella et vs Emanuel Buttigieg et"* u l-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2000 (fol. 29) fejn jinghad li *"il-partijiet qablu li l-provi*

*li jingabu f'din il-kawza u fil-kawza Raymond Vella et vs Emanuel Buttigieg et numru 131/99 ghandhom jaghmlu stat ghal xulxin"*.
Rat l-atti tal-kawza **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. numru 131/1999) li qeghda tigi deciza llum.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta' Frar 2008 minn Raymond Buttigieg f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefer Joseph; Michael, Karmenu, Guza mart Karmnu Magro, u Giovanna mart Joseph Xuereb ilkoll ahwa Buttigieg li permezz tieghu talbu li stante l-mewt tal-konvenut Emmanuel Buttigieg fit-23 ta' Ottubru 2001, l-atti jigu trasfuzi f'isimhom. Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju.

Ikkunsidrat:-

1. Din il-kawza tittratta l-istess meritu bhal kawza fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. nru:- 131/1999AE) li qeghda tigi deciza wkoll illum.

2. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni jinghad li l-konvenut Emmanuel Buttigieg ma ghandu ebda interess fil-meritu ta' din il-kawza billi m'huwiex proprjetarju tal-art u lanqas ghandu xi interess fin-negozju tal-hazna u tqassim tal-gass. Il-provi juru li l-interess hu tal-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro. Mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti Emmanuel u martu Catherine Buttigieg ghandhom xi interess fin-negozju relatat mac-cilindri tal-gass. Anke l-permess mahrug mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar inhareg f'isem il-konvenuti l-ohra. Minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-ilment ta' l-atturi hu relatat mal-uzu tal-art bhala post ghall-hazna ta' cilindri tal-gass. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni hi gustifikata u ghalhekk ser tigi milqugha.

3. Ghal dik li hi t-tieni eccezzjoni, il-Qorti ma taqbilx li c-citazzjoni hi nulla. Hu evidenti li l-atturi ghamlu citazzjoni kollettiva u hemm ir-rekwiziti kollha, *"jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom jew jekk id-decizjoni li tinghata dewar wahda mill-kawzi tista' tolqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu, generalment, l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra"* (Art. 161[3] tal-Kap. 12). Il-kwistjoni hi identika ghall-atturi kollha in kwantu huma qeghdin jilmentaw mill-periklu li hemm (ghall-proprjeta' taghhom u ghall-persuna taghhom) minhabba li l-konvenuti qeghdin jahznu cilindri tal-gass f'art vicin id-dar taghhom. Fil-fehma tal-Qorti minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-interess ta' l-atturi u l-oggett essenzjali li ghalih hi diretta l-kawza hu wiehed u tista' tghidlu identiku, u cjoe' li l-atturi qeghdin isofru molestja gravi bl-uzu li qeghdin jaghmlu l-konvenuti minn art li tinsab hdejn il-proprjeta' taghhom. Din l-eccezzjoni ghalhekk ser tigi michuda.

4. Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni hu minnu li mandat ta' inibizzjoni in perpetwu m'huwiex koncepibbli in kwantu l-kawza trid tkun dak ghall-jedd pretiz mill-attur. F'dan il-kaz il-jedd pretiz hu li l-konvenuti ma jahznux cilindri tal-gass fis-site in kwistjoni. Pero' fil-fehma tal-Qorti t-tielet talba tal-atturi tista' facilment tiftiehem bhala talba sabiex il-Qorti tordna lill-atturi sabiex ma jaghmlux uzu mis-site ghal skopijiet ta' hazna ta' cilindri tal-gass.

5. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fis-27 ta' Dicembru 2007 jidher li min-naha taghhom m'ghadhomx qeghdin jinsistu li fis-site in kwistjoni ma ssirx hazna ta' cilindri tal-gass diment li jigu ntrodotti l-minuri suggeriti mill-perit tekniku. Huma qalu hekk: *"Fid-dawl tal-konkluzjonijiet li gew raggunti mill-espert tekniku, it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghandhom jigu akkolti fis-sens li l-konvenuti ghandhom jigu inibiti milli jahznu fis-sit mertu tal-kawza cilindri tal-gass fi kwantitajiet kemm u kif iridu. Il-perit tekniku stabilixxa limitu ta' kemm ghandhom jinhaznu cilindri tal-*

*gas, u mpona kundizzjonijiet ta' kif ghandha tigi mhaddma l-bitha, liema kundizzjonijiet saru biex jigi assigurat il-harsien ghas-sikurezza mhux biss tal-atturi li jghixu qrib din il-bitha izda wkoll ghall-istess konvenuti u haddiema taghhom li jahdmu f'din il-bitha. Jidher li dawn il-kundizzjonijiet kienu ghadhom ma gewx sodisfatti sal-mument li din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza, u fis-sentenza ta' din il-Qorti trid ghalhekk jigi assigurat li dak li gie rakkomandat mill-espert tekniku mhux biss jigi mwettaq ghall-finijiet tas-sentenza izda li ghandhom jibqghu jigu osservati f'kull hin u f'kull waqt"*. Il-Qort ccitat b'mod estensiv ghaliex jidher li l-atturi m'ghandhomx oggezzjoni li l-art tintuza ghall-hazna ta' cilindri tal-gass diment li jigu osservati r-rakkomandazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku.

6. Fil-meritu tista' tghid li l-kaz hu identiku ghall-kawza fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. numru 131/99AE) deciza wkoll illum. Hekk per ezempju l-atturi Haber u Curmi ghandhom id-dar residenzjali taghhom ftit passi l-boghod mill-art fejn qeghdin jinhaznu c-cilindri tal-gass. Sabiex tigi evitata ripetizzjoni inutli, hu bizzejjed ghall-Qorti li taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fil-kawza l-ohra deciza llum, konsiderazzjonijiet li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tiddeciedi t-talbiet ta' l-atturi billi tghid li tassew illi l-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro kienu qeghdin jimmolestaw lill-atturi bil-mod li kienet qeghda ssir il-hazna ta' cilindri tal-gass fis-site in kwistjoni, u tikkundanna lill-konvenuti sabiex diment li s-site in kwistjoni tintuza ghall-hazna ta' cilindri tal-gass josservaw u jwettqu l-ordnijiet kollha msemmija f'paragrafu numru ghaxra (10) tas-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. numru: 131/1999AE) (li whud minnhom diga' gew sodisfatti – ara skeda fol. 162 u 164 annessa mat-tielet rapport tal-perit tekniku). Fejn hemm bzonn li jsiru xi verifiki jew xogholijiet qeghda tistabbilixxi terminu ta' erbgha (4) xhur mil-lum sabiex il-konvenuti jwettqu dak

kollu ordnat mill-Qorti taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-Professur Alfred Vella, li wara ghandu jiddikjara b'nota li x-xogholijiet u dak li ordnat il-Qorti, fil-fatt sar. Ghal finijiet ta' verifiki u supervizjoni u direzzjoni ta' xogholijiet dwar id-daqs tal-giebja u l-ghoti tal-konkos fl-art tas-site in kwistjoni, qieghed jigi mahtur il-perit Valerio Schembri li fil-qadi ta' l-inkarigu tieghu ghandu jikkonsulta mal-Professur Alfred Vella. Dan kollu ghas-spejjez tal-konvenuti Joseph Cauchi u Brian Magro. Fl-eventwalita' li x-xogholijiet li fadal x'isiru ma jitlestewx fit-terminu moghti jew f'dak iz-zmien ulterjuri li l-Qorti tista' tikkoncedi wara talba li ghandha ssir b'rikors, il-konvenuti Brian Magro u Joseph Cauchi ma jkunux jistghu jaghmlu uzu mis-site ghall-hazna ta' cilindri tal-gass sakemm jaghmlu dak li ssemma f'paragrafu numru ghaxra (10) tas-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Vella et vs Emmanuel Buttigieg et** (Cit. numru: 131/1999AE).

Salv ghall-ispejjez tal-ewwel eccezzjoni u t-tieni talba (li fil-fehma tal-Qorti hi ripetizzjoni tal-ewwel talba) li huma a karigu tal-atturi, spejjez kollha l-ohra (inkluzi dawk relatati mal-mandat ta' inibizzjoni numru 12/99 fl-ismijiet **Ludovico Curmi et vs Emmanuel Buttigieg et**) huma a karigu tal-konvenuti Brian Magro u Joseph Cauchi mehud ukoll in konsiderazzjoni li kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri li l-konvenuti ghamlu xoghlijiet (u fadal xi jsir) sabiex il-post jigi addattat ghall-uzu bhala post ghall-hazna ta' cilindri tal-gass.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------